

31993L0035

L 151/32

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

23.6.1993

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 93/35/KEE****ta' l-14 ta' Ġunju 1993****li temenda għas-sitt darba d-Direttiva 76/768/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kosmetiċi**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

sejjer ikun indikattiv u mhux intiż li jikkostitwixxi elenku limitattiv ta' sustanzi użati fil-prodotti kosmetiċi;

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,B'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(3)</sup>,Billi l-ambigwitażiet legali fid-Direttiva 76/768/KEE <sup>(4)</sup> b'mod partikulari fl-Artikoli 1 u 2, għandhom jitneħħew;

Billi jidher ċar li huwa mixtieq li data fuq l-ingredjenti użati fil-prodotti kosmetiċi tinġabar sabiex il-kwistjonijiet kollha relatati ma' l-użu tagħhom u l-azzjoni li tirriżulta fil-livell tal-Komunità tista' tiġi assessjata bil-ħsieb, b'mod partikulari, tat-twaqqif ta' katalogu komuni ta' l-ingredjenti użati fil-prodotti kosmetiċi; billi l-ġbir ta' dik id-data jista' jitħaffef jekk il-Kummissjoni tiġbor inventarju ta' l-ingredjenti relatati; billi dak l-inventarju

Billi hija meħtieġa trasparenza akbar dwar l-ingredjenti użati fil-kosmetiċi jekk dawn ta' l-aħħar għandhom jitqiegħdu fis-suq mingħajr xi proċedura minn qabel, jekk l-informazzjoni meħtieġa fuq il-prodott lest għandha tkun disponibbli unikament fil-post tal-manifattura jew ta' l-importazzjoni tal-bidu fil-Komunità u jekk informazzjoni aħjar għandhiex tingħata lill-konsumatur; billi din it-trasparenza għandha tinkiseb bl-indikazzjoni tal-funzjoni tal-prodott u ta' l-ingredjenti użati fi prodott kosmetiku fuq l-imballaġġ tiegħu; billi fejn għal raġunijiet prattiċi huwa impossibbli li jindikaw l-ingredjenti u xi avvertenzi dwar l-użu fuq il-kontenitur jew l-imballaġġ, dawn il-partikularitajiet għandhom ikunu magħluqa mal-prodott hekk li l-konsumatur jista' jkollu aċċess għall-informazzjoni kollha meħtieġa;

Billi, rigward il-prodott kosmetiku lest, għandu jkun ċar liema informazzjoni għandha tkun disponibbli għall-awtoritajiet li josservawhom kontinwament fuq il-post tal-manifattura jew ta' l-importazzjoni tal-bidu fis-suq tal-Komunità; billi dik l-informazzjoni għandha tinkludi l-partikularitajiet meħtieġa kollha dwar l-identità, il-kwalità, s-sigurtà għal saħħet il-bniedem u l-effetti li jgħidu li għandhom il-prodotti kosmetiċi;

<sup>(1)</sup> ĠU Ċ 52, 28.2.1991, p. 6. u ĠU Ċ 249, 26.9.1992, p. 5.<sup>(2)</sup> ĠU Ċ 176, 13.7.1992, p. 92. u ĠU Ċ 150, 31.5.1993.<sup>(3)</sup> ĠU Ċ 269, 14.10.1991, p. 15.<sup>(4)</sup> ĠU L 262, 27.9.1976, p. 169. Id-Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 92/86/KEE (ĠU L 352, 11.11.1992, p. 18).

Billi, minkejja dan, għal raġunijiet ta' osservazzjoni kontinwa, l-awtorità kompetenti għandha tkun infurmata bil-post tal-manifattura u l-informazzjoni meħtieġa għal kura medika ta' malajr u xierqa fil-każ ta' diffikultajiet;

Billi l-Kummissjoni għandha tiġi awtorizzata biex temenda l-Annessi I u VIII tad-Direttiva 76/768/KEE bil-ħsieb tan-natura illustrattiva u teknika tagħha;

Billi l-istima tas-sigurtà ta' l-użu ta' l-ingredjenti użati fil-kosmetiċi u tal-prodott finali għandhom jikkunsidraw il-ħtiġiet tad-Direttiva 86/609/KEE<sup>(1)</sup>, li tirrigwarda l-protezzjoni ta' l-annimali użati għal skopijiet sperimentali u skopijiet xjentifiċi oħra, u b'mod partikulari l-Artikolu 7(2) tagħha;

Billi l-ittestjar fuq l-annimali għall-ingredjenti jew taħlitiet ta' l-ingredjenti għandu jkun ipprojbit mill-1 ta' Jannar 1998; billi, minkejja dan, din id-data għandha tkun diferita meta metodi alternattivi tal-ittestjar ma jkunux ġew validati xjentifikament; billi l-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar il-progress li jkun sar dwar dawn il-metodi,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

#### Artikolu 1

Id-Direttiva 76/768/KEE hija b'din emendata kif ġej:

##### 1. L-Artikolu 1(1) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. 'Prodott kosmetiku' ifisser kull sustanza jew preparazzjoni intiża biex titqiegħed f'kuntatt ma' diversi partijiet esterni tal-ġisem tal-bniedem (il-ġilda, sistema tax-xagħar, dwiefer, xuftejn u organi ġenitali esterni) jew mas-snien u l-membrani mukkużi tal-kavità orali bil-ħsieb esklussiv jew prinċipali biex tnaddafhom, tfewwahom, tiddel id-dehra tagħhom u/jew tikkoreġi rwejjaħ tal-ġisem u/jew tħarishom jew iżżommhom f'kundizzjoni tajba.;"

##### 2. L-Artikolu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

#### "Artikolu 2

Prodott kosmetiku mqiegħed fis-suq fi ħdan il-Komunità m'għandux jikkawża ħsara lil saħħet il-bniedem meta jiġi applikat f'kundizzjonijiet ta' użu normali jew raġionevolment prevedibbli, waqt li jiġu kkunsidrati, b'mod partikulari, il-presentazzjoni tal-prodott, it-tikkettjar tiegħu, xi struzzjonijiet għall-użu u disponiment tiegħu kif ukoll kull indikazzjoni jew informazzjoni oħra pprovduta mill-manifattur jew mill-aġent awtorizzat minnu jew minn xi persuna oħra responsabbli biex il-prodott jitqiegħed fis-suq tal-Komunità.

Il-provvediment ta' dawn l-avvertenzi m'għandux, fl-ebda każ, jeżenta lil xi persuna milli tkun konformi mal-ħtiġiet l-oħra stabbiliti f'din id-Direttiva.;"

##### 3. is-subparagrafu li ġej għandu jidher mal-Artikolu 4(1)

"(i) l-ingredjenti jew it-taħlit ta' l-ingredjenti ttestjati fuq l-annimali wara l-1 ta' Jannar 1998 sabiex jissodisfaw il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva.

Jekk ma jkunx sar progress biżżejjed fl-iżvilupp ta' metodi sodisfaċenti biex jieħdu post it-testijiet fuq l-annimali, u b'mod partikulari f'dawk il-każi meta metodi alternattivi tal-ittestjar, minkejja l-isforzi raġionevoli kollha, ma jkunux ġew validati xjentifikament bħala li joffru livell ekwivalenti ta' protezzjoni għall-konsumatur, billi jikkunsidraw il-linji ta' gwida ta' l-OECD għall-ittestjar tat-tossiċità, il-Kummissjoni għandha, sa l-1 ta' Jannar 1997, tippreżenta abbozz ta' miżuri biex tipposponi d-data ta' l-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, għal perijodu suffiċjenti, u f'kull każ għal mhux anqas minn sentejn, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10. Qabel ma tippreżenta dawn il-miżuri, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-Kumitat Xjentifiku dwar il-Kosmetoloġija.

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress fl-iżvilupp, il-validazzjoni u l-aċċettazzjoni legali ta' metodi alternattivi għal dak li jinvolvi esperimenti fuq l-annimali. Dak ir-rapport għandu jkollu data preċiża fuq l-għadd u t-tip ta' esperimenti relatati mal-prodotti kosmetiċi li jkunu twettqu fuq l-annimali. L-Istati Membri għandhom ikollhom l-obbligu li jiġbru dik l-informazzjoni b'żieda mal-ġbir ta' statistika kif stipulat bid-Direttiva 86/609/KEE dwar il-protezzjoni ta' l-annimali użati għal skopijiet sperimentali u oħrajn xjentifiċi. Il-Kummissjoni għandha b'mod partikulari tassigura l-iżvilupp, il-validazzjoni u l-aċċettazzjoni legali ta' metodi sperimentali li ma jużawx l-annimali ħajjin.;"

##### 4. għandu jidher l-Artikolu li ġej:

#### "Artikolu 5a

1. Mhux aktar tard mill-14 ta' Diċembru 1994 il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10, tiġbor inventarju ta' l-ingredjenti fi prodotti kosmetiċi, fuq il-bażi b'mod partikulari ta' l-informazzjoni pprovduta mill-industrija relatata.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "ingredjent kosmetiku" għandu jfisser kull sustanza jew preparazzjoni kimika ta' oriġini sintetika jew naturali, apparti milli għal fwieħa u komposizzjonijiet aromatiċi, użati fil-komposizzjoni ta' prodotti kosmetiċi.

L-inventarju għandu jkun imqassam f'żewġ sezzjonijiet: waħda dwar il-fwieħa u l-materjali aromatiċi mhux maħduma u t-tieni dwar sustanzi oħrajn.

(<sup>1</sup>) ĠU L 358, 18.12.1986, p. 1.

2. L-inventarju għandu jkun fih informazzjoni dwar:
- l-identità ta' kull ingredjent, b'mod partikulari l-isem kimiku tiegħu, l-isem CFTA, l-isem tal-Farmakopea Ewropea, l-ismijiet internazzjonali mhux proprjetarji rakkomandati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, l-Einecs, il-Iupac, il-CAS u n-numri ta' l-indiċi tal-kuluri, u l-isem komuni li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 7(2),
  - il-funzjoni(jiet) tas-soltu ta' l-ingredjent fil-prodott finali,
  - fejn hu xieraq, restrizzjonijiet u kundizzjonijiet ta' l-użu u avvertenzi li għandhom ikunu stampati fuq it-tikketta b'referenza għall-Annessi.
3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-inventarju u għandha taġġornah perjodikament skond il-proċedura li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 10. L-inventarju għandu jkun indikattiv u għandu jikkostitwixxi f'elenku ta' sustanzi awtorizzati għall-użu fil-prodotti kosmetiċi.:"
5. fl-Artikolu 6(1), is-sentenza introduttorja għandha tinbidel b'dan li ġej:
- "1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jassiguraw li l-prodotti kosmetiċi jkunu jistgħu jinbiegħu biss jekk il-kontenitur u l-imballaġġ iġibu t-tagħrif li ġej f'karattri li ma jitħassrux, li jinqraw faċilment u li jidhru sewwa; l-informazzjoni msemmija fil-punt (g) tista', b'danakollu, tkun indikata fuq l-imballaġġ biss.:"
6. L-Artikolu 6(1) (d) għandu jinbidel b'dan li ġej:
- "(d) prekawzzjonijiet partikulari li għandhom jiġu osservati waqt l-użu, speċjalment dawk elenkati fil-kolonna "Kondizzjonijiet għall-użu u twiddib li għandhom ikunu stampati fuq it-tikketta" fl-Annessi III, IV, VI u VII, li għandhom ikunu fuq il-kontenitur u l-imballaġġ, kif ukoll fuq kull informazzjoni speċjali prekawzzjonarja fuq il-prodotti kosmetiċi għall-użu professjonali, b'mod partikulari fuq ix-xaġhar. Meta dan ikun impossibbli għal raġunijiet prattiċi, fuljett, tikketta, żigarella jew biljett magħluq ġewwa għandhom ikollhom dik l-informazzjoni li għaliha jkun riferut il-konsumatur jew b'informazzjoni fil-qosora jew bis-simbolu mogħti fl-Anness VIII, li għandu jkun fuq il-kontenitur u l-imballaġġ.:"
7. is-subparagrafi (f) u (g) li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-Artikolu 6(1):
- "(f) il-funzjoni tal-prodott, sakemm ikun ċar mill-preżentazzjoni tal-prodott;
- (g) elenku ta' l-ingredjenti f'ordni dixxendenti tal-piż fil-waqt li jiġu miżjudi. Dak l-elenku għandu jkollu l-
- kelma fuq "ingredjenti". Meta dan hu impossibbli għal raġunijiet prattiċi, fuljett, tikketta, żigarella jew biljett magħluq ġewwa għandhom ikollhom l-ingredjenti li għalihom jiġi riferut il-konsumatur jew bl-informazzjoni fil-qosor jew bis-simbolu mogħti fl-Anness VIII, li għandu jkun fuq il-kontenitur u l-imballaġġ.;
- Dawn li ġejjin, b'danakollu, m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala ingredjenti:
- impuritajiet fil-materjal mhux maħdum li jintuża,
  - materjali tekniċi sussidjarji użati fil-preparazzjoni iżda li ma jkunux preżenti fil-prodott finali,
  - materjali użati fi kwantitajiet strettament meħtieġa bħala solventi jew bħala dawk li jkollhom magħhom fwieħa u komposizzjonijiet aromatiċi
- Komposizzjonijiet ta' fwieħa u aromatiċi u l-materjali mhux maħduma taġġhom għandhom jirreferu għalihom bil-kelma "fwieħa" jew "benna". L-ingredjenti f'konċentrazzjonijiet ta' anqas minn 1 % jistgħu jkunu elenkati f'kull ordni wara dawk f'konċentrazzjonijiet ta' aktar minn 1 %. Koloranti jistgħu jiġu elenkati f'kull ordni wara l-ingredjenti l-oħra, skond in-numru ta' l-indiċi tal-kulur jew tad-denominazzjoni adottata fl-Anness IV.
- Għall-prodotti kosmetiċi dekorattivi kummerċjalizzati f'diversi sfumaturi ta' kuluri, il-koloranti kollha użati fil-firxa ta' lwien jistgħu jiġu elenkati, kemm-il darba l-kliem "jistgħu jkollhom" jiġu miżjudi.
- Ingredjent għandu jiġi identifikat bl-isem komuni li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 7(2) jew, jekk dan ma jsirx, b'wieħed mill-ismijiet li hemm referenza dwarhom fl-Artikoli 5a (2), l-ewwel inċiż.
- Bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10, il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard mill-14 ta' Diċembru 1994, tadotta l-kriterji u l-kundizzjonijiet li bihom manifattur jista', għar-raġunijiet ta' segretezza kummerċjali, japplika biex ma jinkludix ingredjent wieħed jew aktar fl-elenku msemmi hawn fuq.;"
8. iż-żewġ paragrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-Artikolu 6(1):
- "Meta mhux prattikabbli, għal raġunijiet ta' daqs jew għamla, għall-partikularitajiet li hemm referenza dwarhom fil-punti (d) u (g) li jkunu fil-fuljett magħluq ġewwa, dawk il-partikularitajiet għandhom ikunu fuq it-tikketta, żigarella jew biljett li jkunu magħluqin ġewwa jew imwaħħlin mal-prodott kosmetiku.

Fil-każ ta' sapun, boċċi għall-banju u prodotti zġhar oħra fejn mhux prattiku, għal raġunijiet ta' daqs jew għamla, għall-partikularitajiet imsemmija fil-punt (g) biex ikunu fuq it-tikketta, lametta, żigarella jew biljett jew ffuljett magħluq ġewwa, dawk il-partikularitajiet għandhom jidhru f'avviż jew qrib ħafna tal-kontenitur li fih il-prodott kosmetiku jkun espost għall-bejgħ.”

9. dan li ġej għandu jiżdied fi tmiem ta' l-Artikolu 6(3):

“B'żieda ma' dan, kull referenza għall-ittestjar fuq l-annimali għandha tiddikjara b'mod ċar jekk it-testijiet li twettqu involvewx il-prodott lest u/jew l-ingredjenti tiegħu.”

10. L-Artikolu 7(2) għandu jitbiddel b'dan li ġej:

“2. Huma jistgħu, b'danakollu, jeħtieġu li l-partikularitajiet li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 6(1)(b), (c), (d) u (f) jintwerew ta' l-anqas fil-lingwa jew fil-lingwi nazzjonali jew uffiċjali; jistgħu jkunu jeħtieġu wkoll li l-partikularitajiet li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 6(1)(g) ikunu murija flingwa li tkun miftehma faċilment mill-konsumatur. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tadotta katalgu ta' l-ingredjenti komuni skond il-proċedura ta' l-Artikolu 10.”

11. L-Artikolu 7(3) għandu jitbiddel b'dan li ġej:

“3. B'żieda ma' dan, l-Istat Membru jista' għall-finijiet ta' kura medika pronta u xierqa f'każ ta' diffikultajiet, jinħtieġ li l-informazzjoni xierqa u adegwata dwar is-sustanzi użati fil-prodotti kosmetiċi tkun disponibbli għall-awtorità kompetenti, li għandha tassigura li dik l-informazzjoni tintuża biss għall-finijiet ta' din il-kura.

Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti u jibgħat dettalji dwarha lill-Kummissjoni, li għandha tippubblika dik l-informazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropew.”

12. għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 7a

1. Il-manifattur jew l-aġent tiegħu jew il-persuna li għall-ordni tagħha l-prodott kosmetiku jkun ġie manifatturat jew il-persuna responsabbli mit-tqegħid fis-suq tal-Komunità ta' prodott kosmetiku impurtat għandhom iżommu għall-iskopijiet ta' kontroll l-informazzjoni li ġejja għall-aċċess fil-pront mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat fl-indirizz speċifikat fuq it-tikketta bi qbil mal-Artikolu 6(1)(a):

- (a) il-komposizzjoni kwalitattiva u kwantitattiva tal-prodott; fil-każ ta' komposizzjonijiet ta' fwejjaħ u fwejjaħ, l-isem u n-numru tal-kodiċi tal-kompożizzjoni u l-identità tal-fornitur;
- (b) l-ispeċifikazzjonijiet fiżiko-kimiċi u mikrobijoloġiċi tal-materjali mhux maħduma u l-prodott lest u l-purità u

l-kriterji għall-kontroll mikrobijoloġiku tal-prodott kosmetiku;

- (c) il-metodu ta' manifattura b'konformità mal-prattika ta' manifattura tajba stabbilita mil-liġi tal-Komunità jew, fin-nuqqas ta' dan, dak stabbilit bil-liġi ta' l-Istat Membru kkonċernat; il-persuna responsabbli għall-manifattura jew l-importazzjoni fil-Komunità għandha jkollha l-livell xieraq ta' kwalifika jew esperjenza professjonali bi qbil mal-leġislazzjoni u l-prattika ta' l-Istat Membru li jkun il-post tal-manifattura jew ta' l-ewwel importazzjoni;

- (d) l-assessor tas-sigurtà għal saħħet il-bniedem tal-prodott lest. Għal dak il-għan il-manifattur għandu jikkunsidra l-profil tossikoloġiku ġenerali ta' l-ingredjent, l-istruttura kimika tiegħu u l-livell tiegħu ta' kemm idum espost.

Jekk l-istess prodott ikun immanifatturat f'diversi postijiet fit-territorju tal-Komunità, il-manifattur jista' jagħżel post wieħed ta' manifattura fejn dik l-informazzjoni tkun tinżamm disponibbli. F'dan ir-rigward, u meta jkun mitlub hekk għal skopijiet ta' osservazzjoni kontinwa, huwa għandu jkun obligat li jindika l-post hekk magħżul lill-awtorità/awtoritajiet ikkonċernati li kontinwament iwettqu l-monitoraġġ;

- (e) l-isem u l-indirizz tal-persuna kwalifikata jew tal-persuni responsabbli għall-assessor li hemm referenza dwaru fid-(d). Dik il-persuna għandha jkollha diploma kif definit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 89/48/KEE fil-qasam tal-farmaċija, tossikoloġija, dermatoloġija, mediċina jew dixxiplina simili;
- (f) id-data eżistenti dwar l-effetti mhux mixtieqa fuq saħħet il-bniedem li jirriżultaw mill-użu tal-prodott kosmetiku;
- (g) prova ta' l-effett mistqarr għall-prodott kosmetiku, meta ġġustifikata bin-natura ta' l-effett jew tal-prodott.

2. L-assessor tas-sigurtà għal saħħet il-bniedem li hemm referenza dwaru fil-paragrafu 1 (d) għandu jsir bi qbil mal-prinċipju ta' prattika tal-laboratorju tajba stabbilita fid-Direttiva tal-Kunsill 87/18/KEE tat-18 ta' Diċembru 1986 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' prattika tal-laboratorju tajba u l-verifika ta' l-applikazzjoni tagħhom għal testijiet fuq is-sustanzi kimiċi (\*).

3. L-informazzjoni li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 1 għandha tkun disponibbli fil-lingwa jew fil-lingwi nazzjonali ta' l-Istat Membru kkonċernat, jew flingwa li tkun miftehma mal-ewwel mill-awtoritajiet kompetenti.

4. Il-manifattur jew l-aġent tiegħu jew il-persuna li għall-ordni tagħha prodott kosmetiku jkun ġie manifatturat, jew il-persuna responsabbli mit-tqegħid fis-suq tal-Komunità ta' prodott kosmetiku impurtat, għandhom jgħarrfu lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru bil-post tal-manifattura jew ta' l-importazzjoni tal-bidu bl-indirizz tal-post tal-manifattura jew ta' l-importazzjoni tal-bidu fil-Komunità ta' prodotti kosmetiċi qabel dawn ta' l-aħħar jitqiegħdu fis-suq tal-Komunità.

5. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti li hemm referenza dwarhom fil-paragrafi 1 u 4 u għandhom jibagħtu dettalji dwarhom lill-Kummissjoni, li għandha tippubblika dik l-informazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropew.

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-awtoritajiet imsemmija aktar qabel ikomplu jikkoperaw f'oqsma meta din il-koperazzjoni hija meħtieġa għall-applikazzjoni faċli ta' din id-Direttiva.

(\*) ĠU L 15, tas-17.1.1987, p. 29.;"

13. L-Artikolu 8(2) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-katalogu ordinarju ta' l-ingredjenti użati fil-prodotti kosmetiċi u, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Xjentifiku dwar il-Kosmetoloġija, l-emendi meħtieġa għall-adattament għall-progress tekniku ta' l-Annessi għandhom jiġu adottati skond l-istess proċedura, kif xieraq.;"

14. L-Anness VIII li jidher fl-Anness ma' din id-Direttiva għandu jkun miżjud.

#### L-Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jassiguraw li mill-1 ta' Jannar 1997 la l-manifatturi u l-anqas l-importaturi stabbiliti fil-Komunità ma jqiegħdu fis-suq

prodotti kosmetiċi li jonqsu li jkunu konformi ma' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jassiguraw li l-prodotti kosmetiċi li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1 ma jinbigħux jew jingħataw lill-konsumatur finali wara l-31 ta' Diċembru 1997.

#### L-Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għalihom biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-14 ta' Ġunju 1995. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni dwarhom.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'dik ir-referenza fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.

#### L-Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fl-14 ta' Ġunju 1993.

Għall-Kunsill

Il-President

J. TRØJBORG

L-ANNEXS

L-Anness VIII

